Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2020/0264(COD)

15.12.2020

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 fir-rigward tal-kapaċità tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew
(COM(2020)0577 – C9-0300/2020 – 2020/0264(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Bogusław Liberadzki

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA 19

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 fir-rigward tal-kapaċità tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew
(COM(2020)0577 – C9-0300/2020 – 2020/0264(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0577),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0300/2020),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0000/2020),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) F'konformità ma' dan l-objettiv, hu meħtieġ li fi ħdan l-Aġenzija tiġi stabbilita struttura permanenti korrispondenti li tiżgura li l-kompiti mogħtija lill-Aġenzija li	(2) F'konformità ma' dan l-objettiv, hu meħtieġ li fi ħdan l-Aġenzija tiġi stabbilita struttura permanenti korrispondenti li tiżgura li l-kompiti mogħtija lill-Aġenzija li

taġixxi bħala PRB jitwettqu bl-indipendenza u l-għarfien espert neċessarji minn interessi ***pubbliċi*** jew privati u li, f'dan il-kuntest, l-Aġenzija tkun tista' tiddependi fuq riżorsi ***apposta***.	taġixxi bħala PRB jitwettqu bl-indipendenza u l-għarfien espert neċessarji minn interessi ***governattivi*** jew privati u li, f'dan il-kuntest, l-Aġenzija tkun tista' tiddependi fuq riżorsi ***ddedikati speċifikament għall-kompiti l-ġodda, inklużi l-persunal u l-istrutturi***.
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'konformità mal-prinċipji stabbiliti hawn fuq, il-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni jenħtieġ ***jaġixxi b'mod*** indipendenti u jenħtieġ ma jfittixx jew ma jsegwix struzzjonijiet jew ma jaċċettax rakkomandazzjonijiet mingħand xi gvern ta' Stat Membru, mingħand il-Kummissjoni jew ***mingħand xi*** entità ***pubblika jew*** privata ***oħra***.	(5) F'konformità mal-prinċipji stabbiliti hawn fuq, il-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni jenħtieġ ***li jkun*** indipendenti u jenħtieġ ***li*** ma jfittixx jew ma jsegwix struzzjonijiet jew ma jaċċettax rakkomandazzjonijiet mingħand xi gvern ta' Stat Membru, mingħand il-Kummissjoni***, mingħand l-EASA*** jew entità privata.
	Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fil-qasam tal-analiżi tal-prestazzjoni hi importanti biex tkun żgurata l-applikazzjoni bla xkiel tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam, u għalhekk jenħtieġ tiġi ffaċilitata, l-aktar permezz tal-istabbiliment ta' Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni.	(8) Il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fil-qasam tal-analiżi tal-prestazzjoni hi importanti biex tkun żgurata l-applikazzjoni bla xkiel tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam, u għalhekk jenħtieġ ***li*** tiġi ffaċilitata, l-aktar permezz tal-istabbiliment ta' Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni***, li jenħtieġ li jiżgura aktar sinerġiji bejn l-atturi u l-partijiet ikkonċernati***.
	Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB jkollha setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet, għal raġunijiet ta' ekonomija proċedurali, il-partijiet ikkonċernati jenħtieġ jingħataw dritt ta' appell quddiem Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, li jenħtieġ ***ikun*** parti mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, ***daqskemm*** indipendenti ***mill-istruttura amministrattiva u regolatorja tagħha***.	(9) Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB jkollha setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet, għal raġunijiet ta' ekonomija proċedurali, il-partijiet ikkonċernati jenħtieġ ***li*** jingħataw dritt ta' appell quddiem Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, li jenħtieġ ***li jkun*** parti mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB***, iżda*** indipendenti ***minnha***.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-kostijiet tal-istabbiliment tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB ***huma għal żmien qasir u*** limitati għal ftit attivitajiet, bħar-reklutaġġ, it-taħriġ u t-tagħmir meħtieġ tal-IT, ***u huma meħtieġa*** biex tinbeda s-superviżjoni meħtieġa għar-raġunijiet deskritti.	(14) Il-kostijiet tal-istabbiliment tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB ***jenħtieġ li ma jkunux*** limitati għal ftit attivitajiet, bħar-reklutaġġ, it-taħriġ u t-tagħmir meħtieġ tal-IT, ***iżda jenħtieġ li jinkludu l-passi u l-infiq kollu*** meħtieġa biex tinbeda s-superviżjoni meħtieġa għar-raġunijiet deskritti.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Dawk il-kostijiet jenħtieġ jitħallsu f'ħames snin finanzjarji ***mill-forniturі ddeżinjati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fil-forma ta' kontribuzzjonijiet annwali,***	(15) Dawk il-kostijiet jenħtieġ ***li*** jitħallsu f'ħames snin finanzjarji ***b'kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni***.

ikkalkulati b'mod ġust u nondiskriminatorju. Il-kontribuzzjonijiet individwali mill-fornituri ddeżinjati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jenħtieġ jiġu ddeterminati b'referenza għad-daqs tagħhom ħalli tkun riflessa l-importanza tagħhom fil-forniment tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa u b'hekk il-benefiċċji relattivi li jiksbu mill-attività li qed issirilha superviżjoni. B'mod konkret, dawn il-kontribuzzjonijiet jenħtieġ jiġu kkalkulati abbażi tal-ammont ta' dħul effettiv prodott mill-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru tul il-perjodu ta' referenza li jippreċedi l-perjodu ta' referenza li matulu dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Biex jiġu stabbiliti regoli uniformi rigward il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali, b'mod partikolari l-metodoloġija biex jiġi allokat l-infiq stmat għal kategoriji ta' fornituri ddeżinjati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u l-kriterji biex jiġi ddeterminat il-livell ta' kontribuzzjonijiet individwali abbażi tad-daqs, il-Kummissjoni jenħtieġ tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].	***imħassar***

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta'

implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-kostijiet operazzjonali huma relatati mal-kost tal-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, fir-rigward tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti, ladarba tkun ġiet stabbilita l-operazzjoni ta' din l-attività. Il-kostijiet operazzjonali tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB jenħtieġ jiġu ffinanzjati ***bl-istess mod*** mill-fornituri ddeżinjati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Iżda l-finanzjament jenħtieġ ***ikun*** ibbażat fuq tariffi u imposti, minħabba l-interventi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti. Jista' jkun mistenni wkoll li din il-forma ta' finanzjament issaħħaħ l-awtonomija u l-indipendenza tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB.	(17) Il-kostijiet operazzjonali huma relatati mal-kost tal-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, fir-rigward tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti, ladarba tkun ġiet stabbilita l-operazzjoni ta' din l-attività. Il-kostijiet operazzjonali tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB jenħtieġ ***li*** jiġu ffinanzjati mill-fornituri ddeżinjati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Iżda l-finanzjament jenħtieġ ***li jkun*** ibbażat fuq tariffi u imposti, minħabba l-interventi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti. Jista' jkun mistenni wkoll li din il-forma ta' finanzjament issaħħaħ l-awtonomija u l-indipendenza tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 98 – paragrafu 2 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) jieħu deċiżjonijiet dwar l-istabbiliment tal-istrutturi interni tal-Aġenzija fil-livell tad-diretturi u, fejn meħtieġ, il-modifiki tagħhom, soġġett, fil-każ tal-istrutturi ***interni*** li jikkonċernaw l-analiżi tal-prestazzjoni, għal talba korrispondenti mid-Direttur għall-Analiżi tal-Prestazzjoni u għal opinjoni pożittiva	(l) jieħu deċiżjonijiet dwar l-istabbiliment tal-istrutturi interni tal-Aġenzija fil-livell tad-diretturi u, fejn meħtieġ, il-modifiki tagħhom, soġġett, fil-każ tal-istrutturi ***ddedikati*** li jikkonċernaw l-analiżi tal-prestazzjoni, għal talba korrispondenti mid-Direttur għall-Analiżi tal-Prestazzjoni u għal opinjoni pożittiva

tal-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni. Deċiżjonijiet bħal dawn ***ma għandhomx jaffettwaw is-separazzjoni*** bejn il-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, id-Direttur għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, il-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni***, il-Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni*** u l-persunal li jaħdem għall-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, minn naħa, u l-korpi u d-detenturi tal-funzjonijiet l-oħra tal-Aġenzija, min-naħa l-oħra;	tal-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni. Deċiżjonijiet bħal dawn ***għandhom jiggarantixxu s-separazzjoni*** bejn il-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, id-Direttur għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, il-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni u l-persunal li jaħdem ***esklużivament*** għall-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, minn naħa, u l-korpi u d-detenturi tal-funzjonijiet l-oħra tal-Aġenzija, min-naħa l-oħra;

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a – punt iii
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 98 – paragrafu 2 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu, kif ukoll tal-membri tal-Bord tal-Appelli, tal-membri tal-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, tal-membri tal-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni***, u tal-membri tal-Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni***;	(o) jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu, kif ukoll tal-membri tal-Bord tal-Appelli, tal-membri tal-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, tal-membri tal-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni;

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 98 – paragrafu 2a – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) wara li jikkonsulta lill-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, jaħtar il-membri tal-Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni	***imħassar***

f'konformità mal-Artikolu 114l;

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b – punt v
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 104 – paragrafu 3 – punt u

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(u) jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar l-istabbiliment tal-istrutturi interni tal-Aġenzija u, meta meħtieġ, dwar kwalunkwe tibdil fihom, għajr għal dawk fil-livell tad-diretturi, li se jiġu approvati mill-Bord tat-Tmexxija, u għajr id-deċiżjonijiet relatati mal-istrutturi interni li jikkonċernaw l-analiżi tal-prestazzjoni. Id-deċiżjonijiet meħuda mid-Direttur Eżekuttiv ***ma għandhomx jaffettwaw is-separazzjoni*** bejn il-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, id-Direttur ***għall-Anliżi*** tal-Prestazzjoni, il-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, ***il-Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni*** u l-persunal li jaħdem għall-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, min-naħa l-oħra, u l-korpi u d-detenturi tal-funzjonijiet oħra tal-Aġenzija, min-naħa l-oħra;	(u) jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar l-istabbiliment tal-istrutturi interni tal-Aġenzija u, meta meħtieġ, dwar kwalunkwe tibdil fihom, għajr għal dawk fil-livell tad-diretturi, li se jiġu approvati mill-Bord tat-Tmexxija, u għajr id-deċiżjonijiet relatati mal-istrutturi interni li jikkonċernaw l-analiżi tal-prestazzjoni. Id-deċiżjonijiet meħuda mid-Direttur Eżekuttiv ***għandhom jiggarantixxu s-separazzjoni*** bejn il-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, id-Direttur ***għall-Analiżi*** tal-Prestazzjoni, il-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni, u l-persunal li jaħdem ***esklużivament*** għall-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, min-naħa l-oħra, u l-korpi u d-detenturi tal-funzjonijiet oħra tal-Aġenzija, min-naħa l-oħra;

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 114a – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 114c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni u s-supplenti tagħhom għandhom jinħatru formalment mill-Bord tat-Tmexxija, bi proposta mill-Kummissjoni, ***wara konsultazzjoni mal-Eurocontrol*** u wara sejħa pubblika għal espressjoni ta' interess. Il-membri tal-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni għandhom jinħatru abbażi tal-mertu kif ukoll tal-ħiliet u l-esperjenza rilevanti għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru jew għar-regolamentazzjoni ekonomika tal-industriji tan-networks. Biex tiġi adottata, id-deċiżjoni dwar il-ħatra tal-membri tal-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni teħtieġ il-vot pożittiv tar-rappreżentant tal-Kummissjoni fil-Bord tat-Tmexxija.	2. Il-membri tal-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni u s-supplenti tagħhom għandhom jinħatru formalment mill-Bord tat-Tmexxija, bi proposta mill-Kummissjoni, u wara sejħa pubblika għal espressjoni ta' interess. Il-membri tal-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni għandhom jinħatru abbażi tal-mertu kif ukoll tal-ħiliet u l-esperjenza rilevanti għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru jew għar-regolamentazzjoni ekonomika tal-industriji tan-networks. ***Għandu jitqies il-bilanċ bejn il-ġeneri.*** Biex tiġi adottata, id-deċiżjoni dwar il-ħatra tal-membri tal-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni teħtieġ il-vot pożittiv tar-rappreżentant tal-Kummissjoni fil-Bord tat-Tmexxija.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 114c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni għandu ***jaġixxi b'mod*** indipendenti u ma għandux ifittex jew isegwi struzzjonijiet mingħand xi gvern ta' Stat Membru, mingħand il-Kummissjoni, jew ***mingħand xi*** entità ***pubblika jew*** privata ***oħra***.	3. Meta jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni għandu ***jkun*** indipendenti u ma għandux ifittex jew isegwi struzzjonijiet mingħand xi gvern ta' Stat Membru, mingħand il-Kummissjoni, ***mingħand l-EASA*** jew entità privata.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 114i – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jiltaqa' f'intervalli regolari biex jiżgura li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jikkonsultaw u jaħdmu flimkien f'network.	2. Il-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jiltaqa' f'intervalli regolari biex jiżgura li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jikkonsultaw u jaħdmu flimkien f'network***, f'sinerġija mal-partijiet ikkonċernati***.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 114k – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jkun indipendenti mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 114l – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni ***għandu jaħtarhom*** formalment ***il-Bord tat-Tmexxija, bi proposta tal-Kummissjoni***, wara sejħa pubblika għal espressjoni ta' interess u wara konsultazzjoni mal-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni.	2. Il-membri tal-Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni ***għandhom jinħatru*** formalment ***mill-Kummissjoni***, wara sejħa pubblika għal espressjoni ta' interess u wara konsultazzjoni mal-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 114l – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-membri tal-Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni għandhom ikunu indipendenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Dawn ma għandhomx ikunu marbuta bi struzzjonijiet. Ma għandhomx iwettqu dmirijiet ***oħra*** fl-Aġenzija, fil-Bord tat-Tmexxija tagħha jew fil-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni. Membru tal-Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni ma għandux jitneħħa waqt il-mandat tiegħu, diment li ma jkunx instab ħati ta' kondotta ħażina serja, u l-Kummissjoni, waqt li tirċievi l-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija, tkun ħadet deċiżjoni għal dak il-għan.	5. Il-membri tal-Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni għandhom ikunu indipendenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Dawn ma għandhomx ikunu marbuta bi struzzjonijiet. Ma għandhomx iwettqu dmirijiet fl-Aġenzija, fil-Bord tat-Tmexxija tagħha jew fil-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni. Membru tal-Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni ma għandux jitneħħa waqt il-mandat tiegħu, diment li ma jkunx instab ħati ta' kondotta ħażina serja, u l-Kummissjoni, waqt li tirċievi l-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija, tkun ħadet deċiżjoni għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 120a – paragrafu 3 – punt -a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għat-twaqqif tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għall-infiq kollu meħtieġ biex tinbeda s-superviżjoni mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB;

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 120a – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kontribuzzjonijiet annwali mingħand il-fornituri ddeżinjati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, abbażi tal-infiq stmat annwali relatat mal-attivitajiet tal-analiżi tal-prestazzjoni li jridu jitwettqu mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB kif jeżiġi l-[SES2+ emendat] għal kull kategorija ta' fornituri ddeżinjati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 120a – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-kontribuzzjonijiet annwali msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 3 għandhom jinġabru għal ħames snin finanzjarji. Għal dan il-għan, dawn għandhom ikunu dovuti għall-ewwel darba sal-31 ta' Marzu [XXXX – OP please insert the first financial year beginning after the entry into force of this Regulation], fir-rigward ta' dik is-sena finanzjarja, u fil-31 ta' Marzu ta' kull waħda mill-erba' snin finanzjarji sussegwenti, għal dawk is-snin finanzjarji rispettivament.	***imħassar***
Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati li jiddeterminaw kif għandhom jiġu kkalkulati l-kontribuzzjonijiet annwali tal-fornituri ddeżinjati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru msemmija fil-	

punt (b) tal-paragrafu 2, f'konformità mal-Artikolu 126b.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 127(3).;

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 126a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għall-valutazzjoni tal-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal, f'konformità mal-Artikolu 13(6) tal-[SES2+ emendat];	***imħassar***

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 126a – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) għall-adozzjoni ta' miżuri korrettivi f'konformità mal-Artikolu 13(11) tal-[SES2+ emendat], u, meta l-Aġenzija taġixxi bħala awtorità superviżorja f'konformità mal-Artikolu 3(8) tal-[SES2+ emendat], f'konformità mal-Artikolu 14(10) ta' dak ir-Regolament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 126a – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) għall-ipproċessar tal-appelli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 126a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** li jistabbilixxu regoli dettaljati relatati mat-tariffi u l-imposti miġbura mill-Aġenzija għall-funzjoni tagħha bħala PRB, li b'mod partikolari jkunu jispeċifikaw l-ammont tat-tariffi u tal-imposti u mal-mod kif jitħallsu. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 127(3).***	4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***delegati*** li jistabbilixxu regoli dettaljati relatati mat-tariffi u l-imposti miġbura mill-Aġenzija għall-funzjoni tagħha bħala PRB, li b'mod partikolari jkunu jispeċifikaw l-ammont tat-tariffi u tal-imposti u mal-mod kif jitħallsu.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2018/1139
Artikolu 126b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 126b	***imħassar***
Atti ta' implimentazzjoni dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali mingħand il-forniturі ddeżinjati tas-servizzi tat-	

traffiku tal-ajru

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 120a(8) għandhom jistabbilixxu dan li ġej:

(a) metodoloġija għall-allokazzjoni tal-infiq stmat għal kategoriji ta' fornituri ddeżinjati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, bħala bażi għad-determinazzjoni tas-sehem ta' kontribuzzjonijiet li jridu jsiru mill-fornituri ddeżinjati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ta' kull kategorija;

(b) kriterji xierqa u oġġettivi biex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet annwali li jridu jħallsu l-fornituri ddeżinjati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru skont id-daqs tagħhom biex bejn wieħed u ieħor tkun riflessa l-importanza tagħhom fis-suq.

Il-kategoriji msemmija fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu, għandhom l-ewwel nett ikunu l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru en route, it-tieni nett il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminals soġġetti għas-sorveljanza tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, u t-tielet nett il-fornituri li joffru ż-żewġ tipi ta' servizzi. Il-kriterji li jridu jiġu stabbiliti f'konformità mal-punt (b) għandhom jiżguraw b'mod partikolari t-trattament ugwali tal-fornituri kkonċernati, fir-rigward ta' kull tip ta' servizz. Id-daqs tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiġi kkalkulat skont l-ammont ta' dħul effettiv prodott mill-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru tul il-perjodu ta' referenza ta' qabel il-perjodu ta' referenza li matulu jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.";

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta emendata għall-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew tistabbilixxi Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB) permanenti, li għandu jiġi integrat fl-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA). Konsegwentement, jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2018/1139 li jistabbilixxi l-EASA.

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tattribwixxi lill-Aġenzija l-kompiti l-ġodda filwaqt li tikkondividi s-servizzi u r-riżorsi mal-EASA fil-forma attwali tagħha.

Ir-rapporteur jirrakkomanda li tissaħħaħ l-indipendenza tal-PRB il-ġdid. Għalhekk, huwa importanti li jiġu ddedikati riżorsi speċifikament għall-kompitu l-ġdid. Barra minn hekk, il-Bord Regolatorju għall-Analiżi tal-Prestazzjoni m'għandu jsegwi istruzzjonijiet la mill-Kummissjoni u lanqas mill-Aġenzija.

Ir-rapporteur jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' sistema ta' finanzjament li tkun tista' tiggarantixxi l-funzjonament xieraq tal-PRB il-ġdid: il-kostijiet tal-istabbiliment jiġu koperti b'kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni.
Sussegwentement, il-kostijiet operazzjonali relatati mal-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB jiġu ffinanzjati minn fornituri ddeżinjati tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll il-ħolqien ta' Bord tal-Appelli għall-Analiżi tal-Prestazzjoni responsabbli biex jiddeċiedi dwar appelli kontra deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB.

Ir-rapporteur jaqbel li jkun hemm Korp tal-Appelli. Madankollu, tali entità għandha taġixxi b'mod indipendenti mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, sabiex tiżgura l-indipendenza u l-oġġettività fil-ġudizzju tal-appelli.